MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 84/2002/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Joseph Balzan  u Catherine D'Amato**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Bank attur fil-25 ta' Jannar, 2002, li in forza taghha wara li ppremetta:

1. Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuti Joseph Balzan u Catherine D'Amato;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Joseph Balzan u Catherine D'Amato fis-somma ta' hamsa u tmenin elf, tmien mija u wiehed u sittin Lira Maltin u tmintax-il centezmu (LM85,861.18) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Joseph Balzan u Catherine D'Amato mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A28") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 1 t'Awissu, 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "B", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Ghalhekk il-Bank attur talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) Tikkundanna lil Joseph Balzan u Catherine D'Amato jhallsu flimkien u "*in solidum"* bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tmenin elf, tmien mija u wiehed u sittin Liri Maltin u tmintax-il centezmu (LM85,861.18) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Joseph Balzan u Catherine D'Amato mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A28") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 1 t'Awissu, 2000 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha ecceppew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-Dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante illi l-kont bankarju *de quo* ma huwiex `*Loan Account'* kif allegat fic-Citazzjoni u fil-fatt, qatt ma sar ebda ftehim ta' self bejn il-partijiet relattivament ghall-

ammont mitlub, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li resqet is-socjeta' attrici;

Rat il-kapitolu li gie pprezentat fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2003, mis-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuti;

Rat li l-konvenuti ma dehrux fis-seduta ta' wara biex iwiegbu ghal dak il-kapitolu, li gie moqri u approvat mill-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza il-Bank attur kien ikkonceda lill-konvenuti facilita' ta' *overdraft*, u kien inhareg *cheque book* li seta' jintuza' mill-konvenuti fuq kont li fih ma kienux gew depositati flus; b'din il-facilita' l-Bank impenja ruhu li jonora c-cekkijiet li jinhargu, b'intendiment li l-flus li jinhargu jintraddu wara mill-klijent lill-Bank.

Dan il-kont kien jinhadem mill-konvenuti b'mod li nhargu diversi cekkijiet, anke ghall-ammonti kbar, sakemm is-somma telghet ghall-hamsa u tmenin elf, tmien mija u wiehed u sittin Liri Maltin (LM85,861); meta s-somma lahqet din il-figura, saret talba impellenti ghar-rifusjoni, izda l-hlas ma sarx.

Biex jipprova t-talba tieghu, il-Bank attur ressaq xhud u anke ressaq kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti a tenur ta' l-artikolu 698 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuti ma dehrux fil-jum li ghalih din il-Qorti halliet is-smiegh tal-kawza, u ma gabu ebda raguni tajba biex jiggustifikaw in-nuqqas taghhom li jidhru; ghalhekk, skond

l-artikolu 698 (2), il-kapitolu jitqies ammess u accettat. A tenur ta' dan il-kapitolu, il-konvenuti accettaw illi huma debituri tas-socjeta' attrici flimkien u *"in solidum"* bejniethom fis-somma ta' hamsa u tmenin elf, tminn mija u wiehed u sittin Liri Maltin u tmintax-il centezmu (LM85,861.18), flimkien mal-imghax mill-1 ta' Ottubru, 2001, sal-jum tal-pagament effettiv u ghall-ispejjez tal-kawza, u dana ghar-ragunijiet imsemmija f'att tac-citazzjoni.

Issa kif gie osservat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Trapani vs Cilia" , deciza fit-28 ta' April, 2000, filwaqt li hu veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, imma dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezenta konfessjoni.

Is-subizzjoni, osservat il-Qorti, hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidhrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra (ara wkoll sentenzi riportati fil-Kollez. Vol XXXVI.II.484 u XLII.I.811).

F'dan il-kaz, il-Qorti ezaminat il-provi li lahqu instemghu, u d-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet, u ma ssib li ma hemm xejn li jista' jiskossa l-ammissjoni tal-konvenuti ghat-talba attrici kif tohrog min-nuqqas ta' twegiba ghal-kapitolu. Il-provi jindikaw li l-konvenuti nghataw facilita' bankarja li ghamlu *ampia* uzu minnha. Kienu jinhargu regolarment *statements* fuq isem iz-zewg konvenuti li kienu jindikaw l-istat tal-kont u ma jidhirx li qatt saru xi ilmenti dwar il-kont u l-metodu ta' thaddim tieghu. Kwindi, mill-kumpless tal-provi t-talba attrici tidher gustifikata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu *in solidum* bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tmenin

elf, tminn mija u wiehed u sittin Liri Maltin u tmintax-il centezmu (LM85,861.18), bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Ottubru, 2001, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------